BirdLife
MALTA

# 10 cruise liners li jiġu Malta regolarment jikklassifikaw fl-agħar kategorija tal-'Cruise Ship Ranking 2017'

## Il-lista ppubblikata llum tpoġġihom fl-agħar pożizzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt fuq l-ambjent, is-saħħa u l-klima

Għaxar *cruise liners* ta' erba' operaturi differenti tal-bastimenti tal-passiġġieri li jżuru Malta regolarment ikklassifikaw fl-agħar pożizzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt fuq l-ambjent, is-saħħa u l-klima skont il-'Cruise Ship Ranking 2017' li ġie ppubblikat aktar kmieni llum f'Hamburg.

Il-lista, li tinġabar kull sena min-NABU (The Nature and Biodiversity Conservation Union) li hija l-membru Ġermaniż tal-familja tal-BirdLife, tikklassifika l-*cruise liners* fl-Ewropa skont l-emissjonijiet u tanalizza l-livelli ta' tniġġis kif ukoll il-*performance* ambjentali ta' dawn il-vapuri. In-NABU hija waħda mill-eqdem u l-ikbar organizzazzjonijiet ambjentali fil-Ġermanja.

Il-klassifika li ġiet ippubblikata llum tiġbor total ta' 34 operatur ta' dawn il-vapuri li bħalissa jivvjaġġaw fl-Ewropa u li jaħdmu bil-Heavy Fuel Oil (HFO). Il-bastimenti jiġu kklassifikati skont l-isforzi tagħhom biex inaqqsu t-tniġġis. L-għaxar vapuri tal-passiġġieri li jżuru Malta b'mod regolari tul l-istaġun u li huma proprjetà tal-*cruise lines* AIDA, MSC, TUI u Viking kollha jisabu fl-agħar kategorija. Tnejn minn dawn il-vapuri saħanistra jtajru l-bandiera Maltija minħabba li huma reġistrati f'Malta bil-Valletta Cruise Port bħala l-*home port* tagħhom. Kollha kemm huma jorbtu mal-moll fil-Port il-Kbir regolarment u jqattgħu ammont sostanzjali ta' ħin fil-Belt Valletta. It-total ta' sigħat li jqattgħu f'Malta jvarja minn minimu ta' 16 sa massimu ta' 128 siegħa u fl-2017 dawn il-vapuri kollha flimkien se jkunu żaru Malta xejn inqas minn 65 darba (ara l-lista mehmuża).

Li wieħed jikklassifika f'din il-kategorija, magħrufa bħala 'Rank 12', effettivament ifisser li dawn il-vapuri għandhom l-ogħla impatt fuq l-ambjent, is-saħħa u l-klima meta mqabbel ma' bastimenti oħrajn. Ta' min jinnota li ħamsa biss mit-total ta' 34 *cruise liner* f'din il-klassifika mhumiex f'din l-agħar pożizzjoni bbażat fuq il-*performance* ekoloġiku tagħhom. Skont stqarrija li għadha kif ħarġet in-NABU, il-klassifika turi li minkejja dak li jingħad regolarment, l-attitudni tal-industrija tal-vapuri tal-passiġġieri lejn l-ambjent tibqa' waħda fqira.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

Bħalissa BirdLife Malta hija parti minn proġett immexxi min-NABU flimkien ma' NGOs ambjentali oħra fil-Mediterran li qed jaħdem biex iqajjem kuxjenza dwar it-tniġġis tal-arja mill-vapuri. Dan qed isir permezz ta' attivitajiet u qsim ta' informazzjoni bejn l-imsieħba u l-pubbliku. Il-proġett "Together Against Air Pollution from Ships" għandu l-għan aħħari li jistabbilixxi netwerk bejn il-pajjiżi tal-Mediterran li huma favur it-twaqqif ta' dik tissejjaħ Emission Control Area (ECA) fil-Baħar Mediterran. Zona bħal din fil-baħar twassal għal titjib tal-kwalità tal-arja minħabba li l-vapuri kollha li joperaw fil-Mediterran jintalbu jużaw *fuels* aktar nodfa. F'dawn iz-zoni fil-baħar jiġu imposti kontrolli aktar stretti biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-emissjonijiet li jitfgħu dawn il-vapuri fl-arja. Il-bastimenti jkunu obbligati jaqilbu fuq *fuel* aktar nadif meta jkunu qed ibaħħru minn dawn iz-zoni.

BirdLife Malta temmen li l-ħolqien ta' ECA fil-Mediterran ikun ta' benefiċċju għas-saħħa taċ-ċittadini Maltin, kif ukoll għall-ambjent u l-klima inġenerali f'Malta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**
- NABU Cruise Ship Ranking 2017
- Lista li turi l-10 bastimenti li jżuru Malta mill-klassifika tal-Cruise Ship Ranking 2017
- Stqarrija tan-NABU dwar il-Cruise Ship Ranking

**Ħoloq utli:**
- Il-proġett 'Together Against Air Pollution from Ships': http://birdlifemalta.org/conservation/ongoing-projects/together-air-pollution-ships

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna